



BANK ĊENTRALI EWROPEW

4 ta' August 2005

PROVEDIMENT TA' SERVIZZI TA' ĦLAS TA' AMMONTI ŻĠĦAR F'EURO MILL-BANEK ĊENTRALI LILL-ISTITUZZJONIJIET TAL- KREDITU

Stqarrija ta' Politika

1. Skond l-Artikolu 105 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea (it-Trattat) u l-Artikolu 3.1 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (l-Istatut), wieħed mid-dmirijiet ta' l-Ewrosistema hu li tippromwovi t-tħaddim bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas. Skond l-Artikolu 22 ta' l-Istatut, l-Ewrosistema tista' ttipprovdi faċilitajiet biex tiżgura sistemi effiċjenti u sodi ta' ikklerjar u ħlas.
2. Konsegwentement, skond it-Trattat, banek ċentrali nazzjonali individwali (BĊN) ta' l-Ewrosistema jistgħu jipprovdu l-istituzzjonijiet ta' kreditu b'faċilitajiet ta' proċessar għal ħlas ta' ammonti żgħar f'euro; u dan jista' jsir jew permezz ta' sħubija f'sistemi privati għal ħlas ta' ammonti żgħar jew billi jaġixxu bħala operatori tas-sistemi tagħhom stess għal ħlas ta' ammonti żgħar, biex jikkontribwixxu għal sistemi ta' ħlas żguri u effiċjenti fiż-żona ta' l-euro. Skond iċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi, huma jistgħu wkoll jiffaċilitaw l-aċċess għal sistemi ta' ħlas għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha.
3. L-Ewrosistema ssostni bis-sħiħ il-ħolqien ta' Żona Unika għal Ħlas f'Euro (SEPA: Single Euro Payment Area). F'dan il-kuntest, l-Ewrosistema tirrikonoxxi li l-kompetizzjoni hi għodda importanti biex jintlaħaq dan il-għan. Għalhekk, biex jiġi evitat tgħawwiġ kompetittiv jew l-ispostament ta' inizjattivi tas-suq, il-BĊN li joffru lill-istituzzjonijiet ta' kreditu servizzi ta' ħlas ta' ammonti żgħar, jikkunsidraw b'mod xieraq il-ħtiġijiet u l-ambjent kompetittiv tas-suq konċernat, inkluż l-irkupru ta' l-ispejjeż.
4. Il-BĊN tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali li mhumiex membri ta' l-Ewrosistema jappoġġjaw din il-pożizzjoni.

Bank Ċentrali Ewropew

Taqsimu ta' l-Istampa u l-Infurmazzjoni
Kaiserstrasse 29, D-60311 Frankfurt am Main
Tel.: +49 69 1344 7455, Fax: +49 69 1344 7404
Internet: <http://www.ecb.int>

Ir-riproduzzjoni hi permessa bil-patt illi tiġi rikonoxxuta din l-istqarrija.